# Animazzjoni - Marija Omm Alla (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illum, il-Knisja, f'dan l-ewwel jum tas-sena tiċċelebra is-solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla. Din is-solennità turina li Marija hi ommna wkoll u tħeġġiġna sabiex nirrikorru lejha fil-mumenti ta' diffikultà li aħna jkollna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, joħroġ b'mod qawwi dak li Alla għamel mal-bniedem, jiġifieri li bagħat lil Ibnu l-waħdieni f'din id-dinja. Il-bnedmin ta' rieda tajba, quddiem dan l-avveniment, ma ddejqux jaraw x'għamel Alla magħhom. Dan narawh kemm fir-ragħajja kif ukoll f'Mosè.
Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t' Alla.

**Salm Responsorjali:** Iħenn għalina Alla, u jberikna.

**Offertorju:**

L-Imqaddsa Marija Omm Alla għandha tkun mudell għall-ħajja tagħna. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqulu quddiemu dawn l-offerti frott il-ħidmiet tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-imħabba li ngħixu fid-dawl tal-omm tagħna Marija tilħaq il-milja tagħha meta aħna naċċettaw lil Alla f'ħajjitna u nħalluh jgħammar fina.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.